DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' April 2008

li temenda d-Deċiżjoni 716/2007/KE fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1230)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/290/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/716/KE tat-30 ta' Ottubru 2007 tistabbilixxi miżuri tranżitorji għar-rekwiżiti strutturali għal ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib fil-Bulgarija stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Sakemm dawk l-istabbilimenti jkunu fi tranżizzjoni, il-prodotti li joriġinaw minn dawk l-istabbilimenti għandhom jitqiegħdu biss fis-suq domestiku jew jintużaw għal iktar ipproċessar fi stabbilimenti Bulgari fi tranżizzjoni.

(2) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Bulgara, ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u l-ħalib spiċċaw il-proċess tagħhom ta' aġġornament u issa jinsabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

(3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma mneħħija mill-Anness tad-Deċiżjoni 2007/716/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Ir-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva Nru 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33).

[2] ĠU L 289, 7.11.2007, p. 14.

ANNESS

LISTA TA' STABBILIMENTI LI JRIDU JITĦASSRU MILL-ANNESS TAD-DEĊIŻJONI 2007/716/KE

Stabbilimenti ta' l-ipproċessar tal-laħam

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
26.	BG 0801003	"PE-EM" OOD	s. Senokos obl. Dobrich
46.	BG 1501008	"Evrones" OOD	gr. Levski
79.	BG 2501014	"Mesni produkti" OOD	s. Zdravets obsht. Targovishte
84.	BG 2701013	"Rodopa Shumen 1884" AD	gr. Shumen, ul. "Industrialna"
85.	BG 2701013	"Rodopa miyt" EOOD	gr. Shumen, ul. "Industrialna"
86.	BG 2701013	"Rodopa konserv" EOOD	gr. Shumen, ul. "Industrialna"
93.	BG 0302007	ET "Edi-Valya Ivanova"	gr. Varna ul. "Mladezhka" 38
114.	BG 1202004	"Agentsiya Bulsay" EOOD	gr. Berkovitsa ul. "Kazanite" 1
118.	BG 1602002	"Ter-M" EOOD	gr. Parvomay kv. Debar
119.	BG 1702001	"Pilko" EOOD	gr. Razgrad Industrialna zona
131.	BG 2302004	"Galus Treid" OOD	gr. Kostinbrod
136.	BG 0105002	"Primo Treyd" EOOD	gr. Sandanski Glaven pat E79, Mestnost "Druma"
195.	BG 2205087	AD "Evrofrigo"	gr. Sofia ul. "Malashevska" 1
196.	BG 2205088	"Maksimum-69" OOD	gr. Sofia ul. "Obikolna"
223.	BG 0304034	"Pikant" OOD	gr. Varna ul. "Hristo Smirnenski" 33
224.	BG 0304035	"Emil Iliev" EOOD	s. Topoli obl. Varna
238.	BG 0604001	"Lalov i Vachev" EOOD	gr. Vratza Hranitelnovkusova zona, partsel 14
248.	BG 0804022	"Orehite G" OOD	gr. Dobrich
263.	BG 120415	"Gala" EOOD	gr. Montana ul. "21 vek" 10
292.	BG 1604037	"Dil TUR" AD	gr. Plovdiv kv. Proslav ul. "Elena" 3
299.	BG 1604047	EOOD "Dimitar Madzharov"	gr. Plovdiv ul. "Golyamo Konarsko shoes"

Stabbilimenti ta' l-ipproċessar tal-ħalib

Nru	Nru veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
7.	BG 0812009	"Serdika-90" AD	gr. Dobrich ul. "25 septemvri" 100
8.	BG 0812019	"Filipopolis-RK" OOD	s. Zheglartsi
14.	BG 1312011	"Eko-F" EAD	s. Karabunar
17.	BG 1612009	"D. Madzharov-2" EOOD	gr. Stamboliyski ul. "Grobarska" 3
51.	BG 1612040	"Mlechni produkti" OOD	s. Manole
56.	BG 2112001	"Rodopeya-Belev" EOOD	gr. Smolyan ul. "Trakya" 15
59.	BG 2512017	"YUES-Komers" OOD	s. Golyamo Gradishte ul. "Radetski" 2
61.	BG 2812025	"Sakarela" OOD	gr. Yambol ul. "Preslav" 269
70.	BG 212047	"Komplektstroy" EOOD	s. Veselie